**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Illum it-Tnejn, 4 ta' Lulju 2022**

**Kumpilazzjoni: 28/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Charles Buhagiar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet mressqa kontra Charles Buhagiar, ta' erbghin (40) sena, iben Angelo u Maria nee' Gili, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Novembru 1981, u joqghod 'Bella Vista Court', Flat 1, Triq il-Qighan, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 621081(M), akkuzat talli nhar id-9 ta' Frar 2022, ghall-habta ta'

3.30p.m. waqt li kien qieghed fi Triq il-Kappucini, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi.

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Gregory Grech, hekk kif iccertifika Dr. Felitschel M.D. Reg.No. 4790 u dan ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin, data u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati li huma definitivi li ma jistghux jigu mibdula jew mhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Gregory Grech u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minn issa tipprovdi ghall-garanzija ta' Gregory Grech u l-familja tieghu skont artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti, avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u, jekk ikun il-kaz, jerga' lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, u fliet l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti sejra tghaddi biex issib htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha.

Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti qieset li l-ammissjoni saret fi stadju bikri tal-kawza u ghalhekk l-imputat ghandu jibbenifika minn dan l-attenwanti. Il-Qorti qieset ukoll il-fedina tal-imputat. Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ghalhekk tqis li ghandha tordna Ordni ta' Probation u Ordni ta' Trattament kif ukoll sejra tordna Ordni ta' Trazzin fir-rigward tal-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 214, 216 (1)(d), u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat Charles Buhagiar hati tal-imputazzjonijiet kollha u tordna li ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, b'dan illi qiegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qieghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, liema ordni qieghda ssir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficcjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza ta' Charles Buhagiar.

Ai termini tal-Artikolu 412C u l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed torbot lill-hati b'Ordni ta' Trazzin ghal zmien tliet (3) snin mil-lum ghall-protezzjoni ta' Gregory Grech. Il-Qorti fissret lil Charles Buhagiar bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament u/ jew Ordni ta' Trazzin, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għall-kopja skenjata tas-sentenza.

**Maġistrat Simone Grech**

---

**Joseph Grech**
**Deputat Registratur**